MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-12 ta' Lulju, 2012

Rikors Numru. 433/2011

AB

-vs-

CB

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li permezz tieghu r-rikorrenti ippremetta:

Illi il-partijiet izzewgu fid-disgha u ghoxrin (29) ta’ Mejju ta’ l-elf disa’ mija u tnejn u tmenin (1982) (Ara Dok A anness) u minn dan iz-zwieg huma kellhom tifla wahda illum maggorenni;

Illi l-partijiet ilhom legalment separati b’kuntratt redatt minn Nutar Dottor Joseph Vassallo-Agius mit-tnejn (2) ta’ Mejju ta’ l-elf disa’ mija u sitta u disghin (1996) (Ara Dok B

anness) (vera kopja tal-kuntratt ser tigi esebita fi stadju ulterjuri);

Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom hmistax-il sena mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin u sahansitra ffurmaw rabtiet ma persuni ohrajn / familji godda;

Illi skond l-istess kuntratt tas-separazzjoni personali (Ara Dok B, Klawsola 5) ir-rikorrent huwa dovut ihallas manteniment ghal martu u bintu ta' mija u hamsin Lira Maltin (LM150) ekwivalenti ghal tlett mija u disgha u erbghin euro u erbghin centezmu (€349.40c) fix-xahar;

Illi m'hemm l-ebda manteniment dovut favur it-tifla tar-rikorrent f'dan l-istadju stante li t-tifla hija llum maggorenni u 'l fuq minn tlieta u ghoxrin (23) sena;

Illi qatt ma gie stabbilit kemm hemm manteniment dovut lill-martu l-intimata individwalment wara li l-minuri lahqet maggorenni pero' qatt ma saru talbiet ghal hlas mill-istess intimata u ghalhekk ma jidhirx li hemm pretensjonijiet rigward il-manteniment;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talab illi l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja il-hall taz-zwieg bejnet il-partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat id-digriet taghha tat-12 ta' Dicembru, 2011;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Semghet lill-intimata tixhed bil-gurament taghha;

Rat l-affidavit bix-xhieda tar-rikorrenti;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul; u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-2 ta’ Mejju 1996;

Illi ir-rikorrenti ipprova illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ir-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda manteniment dovut favur it-tifla tieghu illi illum il-gurnata hija maggorenni u illi ma hemm l-ebda manteniment dovut lill-intimata illi qatt ma ghamlet talbiet ghall-hlas ta’ manteniment minghandu u, kif xehdet l-istess intimata, ma hemm l-ebda pendenzi ta’ manteniment dovut lilha mir-rikorrenti;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------